# IL-MADONNA TAL-ĦERBA

F'din is-sena, 1985, ser jiġi mfakkar il-75 Anniversarju tal-Inkoronazzjoni solenni tal-kwadru prodiġjuż tal-Madonna tal-Ħerba. Dan is-Santwarju Marjan huwa tassew devot għax ġie magħżul minn Sidtna Marija bħala d-dar tagħha fostna biex hi tgħammar magħna u aħna nkunu nistgħu ta' malajr immorru għandha, nuruha imħabbitna u nitolbuha tgħinna u tieqaf magħna fil-bżonnijiet spiritwali u temporali. Dan dejjem xtaqet il-Madonna u wrietna f'diversi dehriet kemm hi tixtieq u tridna nersqu lejha bħala l-omm l-aktar għażiża tagħna.

Il-Knisja Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba minn dejjem kien l-għaxqa tal-poplu tagħna u minnu hija tefgħet xita ta' grazzi fuq dawk li rrikorrew lejha. Għalhekk nersqu lejn Marija b'fiduċja u tama u nifthu qalbna magħha. Missirijietna wrew qima kbira lejn ix-xbiha tal-Madonna tal-Ħerba. Jixhdu dan il-kwadri bla għadd li hemm imdendlin mal-ħitan tas-Santwarju. Dawn juruna b'mod l-aktar ċar u bil-fatti li f'kull ħtieġa ta' għajnuna fil-mard, disgrazzji, flaġelli, tempesti u f'kull xorta ta' dwejjaq u inkwiet, il-Madonna tal-Ħerba dejjem dehret setgħana u bl-interċessjoni tagħha quddiem Binha Ġesù, hija farrġet lil min kien imnikket.

Sa minn sekli sħaħ fl-imgħoddi, kif jurina Mons. P. Dusina (1575) din in-naqra ta' knisja jew kappella, kienet diġa' magħrufa għad-devozzjoni tagħha; u għalkemm fiż-żmien ta' wara sar bosta tibdil fiha u madwarha, il-knisja dejjem żammet l-istess titlu: dak tal-Madonna tal-Ħerba.

Mons. Fra. Vincenzo Labini, li għaraf kemm kienet devota, ikkonsagraha solennement fit-23 ta' Marzu 1783. Wara din iċ-ċerimonja l-knisja żiedet fid-devozzjoni tagħha u n-nies ma naqsitx tmur tinvista 'l Madonna f'din il-knisja tagħha.

Fit-13 ta' Frar, 1910, fi żmien il-Papa San Piju X, il-Kwadru tal-Madonna tal-Ħerba ħariġlu degriet mill-Kapitlu tal-Vatikan iffirmat mill-K'ard. Mariano Rampolla del Tindaro, biex ix-xbiha tal-Madonna tiġi nkurunata solennement: ix-xbiha tal-Madonna tal-Ħarba kien jixirqilha dan l-unur, għax kienet antika biżżejjed u magħrufa għall-prodiġi li seħħu meta l-poplu qatt ma' qata' milli jirrikorri lejha fis-santwarju għażiż tagħha.

Il-Madonna tkun dejjem tistenniena mmorru ninvistawha u nitolbu fil-ġabra ta' dan is-Santwarju, speċjalment nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt u hemm nagħtuha t-tislima tagħna kollha mħabba u ngħidulha: Sliema għalik, Marija, Sliema għalik, Sultana.

Issa għal-ħabta ta' Settembru ser ikun hemm festi speċjali, ċerimonji u attivitajiet oħra biex infaħħru lil Marija u nitħeġġu aħjar fl-imħabba tagħha: Marija hija Ommna u tħobbna tassew.

Dan is-Santwarju li naraw illum, sa sittin sena ilu kellu għamla iżgħar: kellu biss korsija u oratorju miegħu, imma fl-1927 tkabbar bil-kappellun, kor u koppla u infetaħ għall-pubbliku. Biex jissebbaħ iżjed saritlu l-pittura u l-indratura. Il-pittura Profs. G. Briffa tana ħames episodji sbieħ mill-ħajja tal-Madonna, il-Lunzjata, il-preżentazzjoni ta' Ġesù Bambin fit-Tempju, il-Madonna u S. Ġużepp isibu t-tfajjel Ġesù mad-Dutturi fit-tempju ta' Ġerusalemm, il-Madonna ma' l-Appostli tirċievi l-Ispirtu S. Santu meta kienu fiċ-Ċenaklu, u l-inkoronazzjoni tal-Madonna fil-ġenna mit-Tliet Persuni tas-Santissma Trinità.

Il-Kwadru nkurunat li naraw fis-Santwarju jixbaħ lil dak ta' qablu, u jippreżenta lill-Madonna bil-Bambin Ġesù flimkien ma' San Ġwann il-Battista, l-anġlu Kustodju li qed iressaq tfajjel lejn il-Madonna, u l-Erwieħ tal-Purgatorju; għax il-Madonna tinterċedi quddiem Binha Ġesù għal dawk l-erwieħ devoti tagħha biex malajr jinħelsu mill-pwieni tal-Purgatorju u jidħlu jgawdu 'l Alla fil-preżenza tal-Madonna.

Hemmm bosta affarijiet li wieħed jista' jara f'dan is-Santwarju. Mill-Kwadru biss wieħed jista' josserva l-ħajja tal-poplu tagħna fl-imgħoddi u l-ambjent li fih kienu jgħixu. Hemm naraw oġġetti oħra tal-wegħda bħal ma huma: ktajjen ta' lsira, ċimi ta' xwieni, krozzi ta' nies magħtuba u ħwejjeġ oħra. Fuq dawn il-wegħdi nsibu miktub f'diversi kotba il-ġrajjiet tagħhom. Għall-wirja Marjana fl-1950, deher ktieb[1]) u fil-Kungress Marjaloġiku dehru oħrajn[2].

Huwa ta' interess kbir il-bukkett tal-granutell, li tradizjonalment hu magħruf li tah il-Gran Mastru La Vallette lill-Madonna tal-Ħerba bħala radd il-ħajr għar-rebħa li kiseb fuq it-Torok fl-Assedju l-Kbir tal-1565. Fih naraw Malta rebbieħa bl-istandard tar-Reliġjon u Tork marbut bil-katina minn saqajh taħt riġlejn Malta. Naraw ukoll balla tal-ħadid li intużat f'dan l-Assedju. Il-Bukkett jinsab fl-oratorju tas-Santwarju: Sant' Espeditu, Santa Vittorja Verġni u Martri, il-Qalb ta' Ġesù, it-Tfajjel Ġesù u Ġesù Nazzarenu. Żewġ bandalori fil-ħġieġ: waħda ta' S. Vittorja Verġni u l-oħra tal-Madonna tad-Duttrina jfakkruna fiż-żmien meta d-Duttrina kienet tiġi mgħallma f'dan is-Santwarju tal-Ħerba.

Għalhekk issa li ġejjin dawn il-festi tat tifkira tal-Inkoronazzjoni tax-Xbiha tal-Madonna tal-Ħerba, nitħeġġu iżjed u nuruha lil Marija kemm tassew inħobbuha, u nħajru lill-ġenituri li jippreżentaw it-trabi tagħhom lill-Madonna, kif Sant'Anna u San

Ġwakkin ippreżentaw lil Marija Bambina u kkonsagrawha lill-Mulej. Ma ninsewx intennu l-kelmiet sbieħ li ta' qabilna ta' spiss kienu jgħidu meta jmorru jinvistaw lill-Madonna tal-Ħerba:-

O MARIJA KOLLOK GLORJA
BĦALA REĠINA NFAĦĦRUK
BIEX TAGĦNINA BIL-VITTORJA
OMM ĦANINA NITOLBUK.

**REV. CAN VINC. BUHAGIAR**
**8 ta' Mejju, 1985.**

(1) Kav. Vinc. Bonello: La Madonna nell'arte, 1950.

(2) Mons. V. Borg: Marian Devotions in the Islands of St. Paul, 1983; u Mario Buhagiar: Marian Art in Malta, 1983: u oħrajn.


